# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 25 ta' April 2018**

**Numru 1**

**Rikors numru 337/17**

**Aluminium Extrusions Limited (C7322)**

**v.**

**Malta Industrial Parks Limited (C28965)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici prezentat fis-27 ta' Lulju 2017 li permezz tieghu hija talbet li l-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija minn din l-istess Qorti fit-28 ta' April 2017 – u li minnha saret talba ghal ritrattazjoni minnha stess – tigi sospiza sakemm tigi deciza t-talba taghha ghal smigh mill-gdid tal-istess kawza skont l-Artikolu 823 tal-Kap. 12. Fir-rikors tghid ukoll li esekuzzjoni immedjata ggib fix-xejn l-istess talba ghal smiegh mill-gdid.

Dan l-Artikolu appena msemmi jghid illi:

> “**823.** (1) It-talba għar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata.
>
> “(2) B’dak kollu li hemm fid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-qorti li quddiemha tintalab ritrattazzjoni tista’, ad istanza, b’rikors kemm quddiem il-Qorti tal-Appell kemm quddiem il-qorti tal-ewwel grad, tal-parti li tagħmel dik it-talba, tordna t-twaqqif ta’ esekuzzjoni tas-sentenza jekk -
>
> “(a) flimkien mat-talba tagħha dik il-parti tagħti garanzija tajba għall-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tiġix imħassra, magħduda dik il-garanzija kif imsemmija fl-artikolu 266(10); u
>
> “(b) jiġi muri għas-sodisfazzjon tal-qorti illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif tal-esekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja.”

Huwa evidenti li r-rikorrenti qed jaghmel din it-talba ai termini tas-sub inciz (2) tal-artikolu msemmi: “L-imsemmi digriet tal-ligi procedurali jissanzjona zewg rekwiziti bazici ghall-akkoljiment tat-talba li tordna t-twaqqif tal-esekuzzjoni ta’ sentenza, u cioe`, (a) l-ghoti ta’ garanzija tajba ghall-esekuzzjoni tas-sentenza; (b) li l-parti li tippromwovi t-talba tissodisfa lill-Qorti illi l-ezekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif tal-esekuzzjoni tkun tikkaguna lill-parti kuntrarja”. **Palmar Limited v. Victor Ciantar**, Appell Inferjuri 10 ta’ Jannar 2003.

L-atturi qed jopponu ghal din it-talba. Bazikament l-argument taghhom huwa li ma hemm xejn x’jigi salvagwardjat bis-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza

ghaliex it-talba tas-socjeta` rikorrenti biex titnehha l-ordni ta' zgumbrament kontra taghha giet respinta u dak l-izgumbrament gia` gie esegwit.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma dawn: l-attrici talbet li l-Qorti tiddikjara li gie kommess spoll fil-konfront taghha u allura li tigi ripristinata fil-pussess tal-propjeta` in kwistjoni; l-ewwel Qorti laqghet it-talbiet taghha izda s-sentenza giet revokata minn din il-Qorti bis-sentenza msemmija. Minhabba f'dan is-socjeta` attrici ipproponiet it-talba taghha ghal ritrattazzjoni.

Din il-Qorti tifhem li kieku s-sentenza li qed tintalab ritrattazzjoni taghha tkun ordnat zgumbrament, min ikun se jigi zgumbrat permezz tas-sentenza in kwistjonijikun se jsofri necessarjament aktar pregudizzju bl-esegwibilita` mill-persuna li tkun qed titlob l-isgumbrament vide **Rizzo v. Bezzina**, Appell 10 ta' Jannar 1995. Dan ghaliex "jekk ma tintlaqax it-talba ghas-sospensjoni l-esekuzzjoni ta' issa tas-sentenza gia` ottenuta timplika zewg zgumbramenti, f'kaz ta' ezitu favorevoli tar-ritrattazzjoni. Din il-possibilita` ghandha tigi evitata. Dan dejjem sakemm il-pregudizzju tal-intimata bin-nuqqas ta' tehid immedjat ta' hwejjigha ma jkunx tant gravi li anke diffikulta` simili trid tigi skartata". **George Pavia v. Joseph Micallef**, Appell Civili, 4 ta' Mejju 1992. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Chapman v. Mizzi** 12 ta' Mejju 1950 f'kazi bhal dawn, il-legislatur ta' certa diskrezzjoni lill-Qorti biex tiddeciedi f'dawn it-tip ta' talbiet.

F’dan il-kaz pero` kull ma se jkun qed jigri f’kaz ta’ esekuzzjoni immedjata huwa li l-attrici thallas minn issa l-ispejjez tal-kawza msemmija. Din il-Qorti ghalhekk ma tara li se jkun hemm ebda pregudizzju lis-socjeta` rikorrenti ghaliex f’kaz ta’ ezitu pozittiv ghaliha fit-talba ghas-smiegh mill-gdid, tkun tista’ tirkupra dawn l-ispejjez lura. Inoltre fi kwalunkwe kaz peress illi t-talbiet attrici gew michuda fis-sentenza li taghha qed tintalab ritrattazzjoni ma hemm xejn x’jigi sospiz.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mir-rikors billi tichdu bl-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df